KLR 15/VII/2014

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 6 ta' Marzu 2014 fis-13.15.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Beppe Galea u l-*Project Administrator* William Sultana.

SKUŻATI:- il-membri Joe Debrincat, Maria Portelli u Anthony Briffa.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li billi din hi laqgħa b'urġenza għanda tiġi diskussa biss l-item li għaliha ssejħet din il-laqgħa.

Hu spjega li ssejħet din il-laqgħa peress li trid tittieħed deċiżjoni fuq l-aktar offerta importanti fuq il-proġett tal-ERDF. Dan minbarra d-dati li rridu nimxu magħhom. Il-bord ta' aġġudikazzjoni lesta r-rapport ħamest ijiem qabel il-previst u għaldaqstant issejħet laqgħa immedjatament. Dawn il-ħamest ijiem ser jiġu gwadanjati fuq il-perijodu tal-appell u anke' jgħatu aktar ċans sabiex jiġu kjarifikati pendenzi fuq ix-xogħol ma diversi entitajiet fosthom, il-Ministeru għal Għawdex, is-*Superintendence of Cultural Heritage*, MEPA, *Transport Malta*, il-*GPR Scanning* ta' Pjazza Indipendenza u l-*Managing Authority* tal-proġett. Il-*GPR scanning* ser jibda nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2014.

Minħabba l-iskambju ta' *emails* il għaddew bejn is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Kunsilliera Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku rrimarka li l-Kunsill fuq sejħa ta' laqgħat dejjem mexa mal-liġi kif huwa l-każ tal-laqgħa tal-lum.

Is-Sindku spjega kif matul s-snin li ilu Sindku dejjem jaf li nstab ħin li jakkomoda lil kulħadd bħal fil-kas ta' Michael Buttigieg u fit-term ta' qabel it-Dr Michael Portelli, Joseph Schembri temporanjament fil-preżent il ma jistax l-Erbgħa u l-Gimgha u Joe Debrincat li ma jistax il-Ħamis. Tenna illi hu dejjem ra li jkun jista' kulhadd pero' finalment il-laqgħat iridu jsiru. Konsapevoli mill-fatt li hemm min jaħdem Malta issuġġerixxa illi l-laqgħa skedata tat-Tnejn 10 ta' Marzu 2014 issir fis-7:00pm milli fil-5:30pm sabiex min ikun xogħol Malta jilħaq jiġi.

Is-Sindku qal illi jixtieq li fil-Kunsill tibqa' l-armonija li dejjem kien hemm u jekk kien hemm xi malintiż jiġi ċċarat quddiem kulħadd fil-laqgħa li hija l-forum adegwat għad-diskussjoni. Bħal dejjem huwa jibqa' għad-disposizzjoni ta' dak deċiż fil-Kunsill.

**2. Evalwazzjoni tar-Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni:-** ***Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural Heritage" (01/2014)***

Tressaq ir-rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni li jinsab anness f'dokument A. Il-membri tal-Kunsill qablu li dan ir-rapport jiġi addottat u l-offerta tingħata lill-Gat Tarmac Ltd.

Il-laqgħa spiċċat fis-14.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu fis-19.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |